MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 895/2002

**Christopher Agius**

**vs**

**Avukat Dr. Chris Cilia u Prokuratrici Legali Hilda Ellul Mercer bhala kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-assenti Sharon Ann Agius.**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat l-att tac-citazzjoni (a fol. 1) fejn gie premess:

Illi l-kontendenti zzewgu fil-5 ta' Settembru, 1992 mill-liema zwieg twieldet il-minuri Elizabeth Ann Agius li llum ghandha disa' snin;

Illi l-konvenuta rrendiet ruhha hatja fil-konfront ta' l-attur ta' abbandun, adulterju, eccessi, sevizzi w ingurji gravi,

b’mod li llum iz-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabbilment;

Illi b’digriet moghti fil-25 ta’ Lulju, 2002, is-Sekond’Awla tal-Qorti Civili awtorizzat lill-attur sabiex jipprocedi ghas-separazzjoni kontra l-konvenuta.

Illi ghalhekk l-istess attur talab lill din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandiex ghar- ragunijiet fuq premessi:-

(1) Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba abbandun, adulterju, eccessi, sevizzi w ingurji gravi u kif ukoll talli z-zwieg tkisser b’mod irrimedjabbli minhabba tortijiet unikament imputabbli lill-konvenuta;

(2) Tipprovdi dwar l-access li l-attur ghadu jgawdi fil-konfront tal-minuri bintu Elizabeth Ann Agius;

(3) Tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess, okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi u tiddikjara li l-konvenuta m’ghandha ebda dritt fuq l-istess akkwisti;

(4) Tiddikjara li l-fond “Chrishae”, 24, Triq Mons. Alfredo Mifsud, Pembroke, St Andrews huwa proprjeta parafernali ta’ l-attur u ghal kull buon fini tiddikjara li l-konvenuta m’ghandha l-ebda jedd fuq l-istess;

(5) Tapplika fil-konfront tal-konvenuta l-effetti kollha ta’ l-**artikoli 48 u 50 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta** u dan fejn applikabbli.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda li ghamel l-attur (a fol. 4) bix-xhieda hemm indikati, liema lista tax-xhieda hija skond il-ligi.

Rat in-notaipprezentata minn Christopher Agius ta' l-10 ta' Ottubru 2003 (a fol. 11) li permezz taghha qed jipprezenta kopja legali tad-digriet moghti fil-25 ta' Lulju, 2002 mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili mmarkat bhala Dok. "RB2" b'liema digriet gie awtorizzat jipprocedi ghas-separazzjoni personali mill-intimata martu quddiem il-Qorti kompetenti.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-Kuraturi Deputati Dr. Chris Cilia u Prokuratrici Legali Hilda Ellul Mercer bhala kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Sharon Ann Agius (a fol 16) fejn ecceppew li:-

1. Illi l-eccipjenti m'humiex edotti mill-fatti u jirrizervaw id-dritt li jipprezentaw eccezzjonijiet fil-mertu wara li jkunu ghamlu d-debiti verifiki.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-Kuraturi Deputati Dr. Chris Cilia u Prokuratrici Legali Hilda Ellul Mercer bhala kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-assenti Sharon Ann Agius u dawn bir-rispett u bil-gurament jikkonfermaw illi l-eccipjenti m'humiex edotti mill-fatti u jirrizervaw id-dritt li jipprezentaw eccezzjonijiet fil-mertu wara li jkunu ghamlu d-debiti verifiki.

Rat il-lista tax-xhieda ta' l-imsemmija kuraturi (a fol. 17) bix-xhieda hemm indikati kif ukoll elenku ta' dokumenti illi huma skond il-ligi.

Rat l-ittra ta' Dr Chris Cilia bhala prokuratur biex jirraprezenta lil-assenti Sharon Ann Agius tas-16 ta' Ottubru 2002 sabiex jinghata l-indirizz ta' l-assenti Sharon Ann Agius sabiex ikun jista' jikkomunika maghha u jipprezenta eccezzjonijiet fil-meritu kif ukoll il-verbal ta' l-10 ta' Dicembru 2002 quddiem il-Qorti ta' l-istess Dr Chris Cilia ghall-konvenut li nforma lill-Qorti u kiteb lill-attur pero` ma inghata ebda informazzjoni dwar l-assenti.

Rat l-istess verbal ta' l-10 ta' Dicembru 2002 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Kenneth Gulia bhala Assistent Gudizzjarju biex jiffissa zewg seduti ghall-provi kollha li fadal liema seduti gew iffissati fit-18 ta' Frar 2003 f'nofsinhar kif ukoll

fit-3 ta’ Marzu 2003 f’nofsinhar u f’liema seduta fit-3 ta’ Marzu 2003 l-Avukat ta’ l-attur iddikjara illi hlief ghall-affidavit ta’ l-attur m’ghandux aktar provi x’jipproduci; u giet iffissata seduta ohra fil-21 ta’ Marzu 2003 fl-ghaxra ta’ fil-ghodu (10.00.a.m.) ghall-provi kollha li fadal tal-konvenuta jew l-kuraturi deputati u f’liema seduta baqa’ ma deher hadd.

Rat in-nota ta’ l-istess Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia a fol. 27 tal-process fejn spjega dak li ghamel fil-kawza skond id-digrieti moghtija.

Rat in-nota ta’ Christopher Agius tal-25 ta’ Marzu 2003 li permezz taghha qed jipprezenta s-segwenti dokumenti a tenur tal-ligi:-

Dok. “RB 1”: Affidavit ta’ Christopher Agius

Dok. “RB 2”: Digriet moghti fil-25 ta’ Lulju 2002, mis-Sekond’Awla tal-Qorti Civili.

Rat il-verbal tas-26 ta’ Marzu 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-27 ta’ Novembru 2003 ghas-sentenza.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

### (i) <u>AZZJONI ATTRICI.</u>

Illi din hija azzjoni fejn l-attur qed jitlob is-sepazzjoni mill-konvenuta *stante* li qed jallega li l-istess kienet hatja ta’ abbandun, adulterju, eccessi, sevizzi u ingurji gravi, u allura qed jitlob dritt ta’ access ghall-minuri li llum tinsab mal-konvenuta barra minn Malta, u qed jitlob ukoll ix-xoljiment u l-likwidazzjoni u d-divizjoni tal-komunjoni ta’ l-akkwisti, apparti li l-fond “Chrishae”, 24 Triq Mons. Alfredo Mifsud, Pembroke, St. Andrews jigi ddikjarat proprjeta’ parafernali tieghu, u li fl-ahharnett jigu applikati fil-konfront tal-konvenuti l-effetti ta’ l-**artikoli 48 u 50 tal-Kap 16.**

## (ii) APPREZZAMENT TAL-PROVI PRODOTTI.

Illi l-unika prova li ingabhet f’din il-kawza kienet biss l-affidavit ta’ l-attur flimkien ma’ xi dokumenti li huwa esebixxa ma’ l-istess affidavit u affidavit ta’ ommu Mary Agius; l-istess kuraturi ma ressqu ebda provi, u dan anke ghaliex l-istess kuraturi ma kellhomx indirizz fejn setghu jikkomunikaw ma’ l-istess assenti, tant li l-ittra li kitbu lill-attur baqghet bla ebda estizu; jigi rilevat pero’ li fl-affidavit tieghu l-istess attur stqarr li l-unika informazzjoni li kellhu dwar martu kienet li huwa ma kienx jaf fejn toqghod ghaliex l-konvenuta kienet ukoll qatghet il-kuntatt mal-genituri taghha, u kienet qed tghix ma’ ragel iehor.

Illi intant minn dawn l-atti jirrizulta li l-istess Christopher Agius cjoe` l-attur fl-affidavit tieghu tal-25 ta’ Settembru 2002 jghid li fil-5 ta’ Settembru 1992 huwa u Sharon Kirk izzewgu u mill-liema zwieg twieldet it-tifla Elizabeth Ann Agius li kellha disa’ snin meta giet prezentata c-citazzjoni attrici. Huwa kien ilu jaf lil Sharon ta’ nazzjonalita` Ingliza xi hames snin u ltaqa’ maghha meta kienet Malta ghal zjara.

Illi sena wara li zzewgu twieldet it-tifla Elizabeth Ann u li meta t-tifla kellha xi erba’ snin, f’daqqa wahda Sharon bdiet thossha *home sick*. Meta shabha l-Inglizi li kienu jghixu hawn Malta bdew jirritornaw lura lejn l-Ingilterra hija hasbet li sejra tispicca wahedha u minn hemmhekk beda l-inkwiet bejniethom peress li hija riedet tmur tghix l-Ingilterra. L-attur jghid li da parti tieghu ma riedx jitlaq minn Malta.

Illi ghalhekk wara xi sitt xhur Sharon marret l-Ingilterra flimkien mat-tifla ghall-perjodu skond hi ta’ tlett xhur sabiex tgawdi lill-familjari taghha u lil shabha, imbaghad tirritorna lura Malta. Wara ftit gimghat li telqet lejn l-Ingilterra Sharon cemplet u qaltlu li riedet tibqa’ tghix hemmhekk mal-genituri taghha. Kien ghalhekk li ddecidew li jisseparaw u dan kien fin-1996 u cjoe` xi sitt/sebgha (6/7) snin ilu.

Illi dak iz-zmien kienu ddecidew li t-tifla tibqa’ tghix maghha. L-attur jghid li huwa kien jaf li l-genituri ta’ Sharon kienu jhobbu lil Elizabeth u ghalhekk kien konvint li huma kienu sejrin jiehdu hsiebha. Jghid li hu mar izur lill-Elizabeth f’diversi okkazjonijiet. Ta’ spiss kien icempel ghand in-nanniet materni u jkellem lill-bintu. Jghid ukoll fil-paragrafu 5 ta’ l-affidavit tieghu li waqt il-festeggament tal-Millenju mar izur lil bintu u raha b’mod regolari u minn mindu hadet id-dar tal-Council hija kienet tospitah ghandha stess meta jmur izur lil bintu.

Illi din id-darba Sharon qaltlu li kellha xi inkwiet mal-genituri taghha u talbitu biex ma jitlax izjed l-Ingilterra. Huwa accetta imma wara xi zmien ircieva telefonata minghand omm Sharon fejn gharrfitu li Sharon kienet biddlet id-dar u kienet qed tghix ma’ ragel iehor.

Illi meta huwa staqsa lil ommha dwar il-problemi li kien hemm bejnha u l-imsemmija Sharon ommha qaltlu li dan ma kienx minnu. Sharon waqfet tiehu lil Elizabeth ghand il-genituri taghha u lanqas biss gharrfithom fejn kienet qed tghix b’hekk l-attur inqataghlu kull kuntatt li kellu ma’ bintu. Minn dak iz-zmien sa llum Sharon qatt ma kkuntatjatu izjed. Huwa jghid li sa fejn jaf hu hija ilha ma tigi Malta ghal dawn l-ahhar sitt snin.
Illi l-attur fit-tielet paragrafu ikompli jghid li meta zzewgu hu u Sharon marru jghixu fid-dar tieghu “Chrishae”, Plot 24, Triq Mons. Alfredo Mifsud, Pembroke, St Andrews u li din id-dar bnieha hu qabel iz-zwieg fuq bicca art li kien akkwista meta lanqas biss kien ghadu jaf lil Sharon. Sharon da parti taghha ma kelliex flus meta zzewgu u ghalhekk spicca jaghmel tajjeb ghall-ispejjez kollha tad-dar kif ukoll tat-tieg. Jghid ukoll li Sharon qatt ma hadmet wara li zzewgu.

Illi ghar-rigward l-assi tal-komunjoni l-attur jispjega li waqt iz-zwieg huma ma xtraw xejn flimkien. Meta Sharon telqet minn Malta hija kienet hadet maghha l-hwejjeg personali taghha u ghat-tifla u d-dar ma ghad fadal xejn ta’ Sharon. L-attur esebixxa kopja tal-kuntratt ta’ akkwist ta’ l-art li fuqha huwa bena d-dar tieghu Dok. “CA 1”. Huwa jerga’ jghid illi Sharon ma kkontribwiet xejn fil-kostruzzjoni ta’

dan il-fond. L-attur jghid ukoll li kien xtara l-ghamara ta' god-dar qabel iz-zwieg. Id-dar kienet lesta minn kollox meta zzewgu hlief ghall-puggaman. Jghid ukoll li l-puggaman sar wara z-zwieg u kien rigal tat-tieg illi tah missieru.

Illi fl-affidavit ta' Mary Agius, mart Saviour, li tigi omm l-istess attur Christopher Agius din qed tikkonferma ukoll li bhala rigal tat-tieg hi u zewgha hallsu l-puggaman tat-tarag tad-dar ta' binhom Christopher. L-attur ikompli jghid li hu ghandu karozza tal-marka Escort Mark 1 numru ta' registrazzjoni "GAP-879". Jghid ukoll li din il-vettura xtraha minghand missieru xi sena qabel ma zzewgu. Huwa jghid li kien hallas taghha mitejn lira (lm200) peress li kienet *second hand* u kienet karozza antika.

Illi l-attur ikompli jghid li kull meta martu kellha bzonn xi flus ghaliha jew ghat-tifla hu dejjem baghtomlha in partikolari meta l-*Council* tawha dar hija kellha bzonn tixtri l-*appliances* u l-attur jghid li kien baghtilha xi seba' mitt lira sterlina biex tkun tista' tarma d-dar. F'xi okkazjonijiet baghtilha flus biex thallas il-kera, zraben u hwejjeg tat-tifla u nuccali ghal vista tat-tifla. L-attur jesebixxi kopja ta' whud mill-ircevuti ta' hlasijiet li kien jibghat lil Sharon. Huwa jghid li apparti dawn fil-Milied, fl-Ghid u ghal *birthday* dejjem jibghat rigali lil bintu.

**(iii) <u>PRINCIPJI LEGALI.</u>**

Illi l-**artikolu 41 tal-Kodici Civli** jiddisponi kif gej:

*"Kull wahda mill-partijiet mizzewga tista' ukoll titlob il-firda jekk, ghal sentejn jew izjed, tkun abbandunata mill-ohra, minghajr raguni tajba."*

Illi f'dan il-kaz jirrizulta illi l-partijiet kienu zzewgu fil-5 ta' Settembru 1992 u cjoe' xi hdax-il sena ilu (*vide* affidavit ta' l-attur fol 19) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom tifla li jisimha Elizabeth Ann Agius li twieldet sena wara li zzewgu. L-attur ikompli jispjega li l-inkwiet bejniethom beda meta t-tifla kellha xi erba'; snin u l-mara tieghu riedet

li jmorru joqoghdu jghixu l-Ingilterra filwaqt li l-attur ma riedx jitlaq minn Malta.

Illi kif jispjega fl-imsemmi affidavit tieghu, l-attur jghid li fl-1996, xi sitta jew seba' snin ilu ddecidew li jisseparaw. F'dan iz-zmien kienu ddecidew li t-tifla tibqa' tghix mal-mara tieghu, l-attur jghid li l-ġenituri tal-mara jhobbu lit-tifla, Elizabeth u ghalhekk kien konvint li kienu ser jiehdu hsiebha. Illi fil-fatt kien izurha u jcempel ghand in-nanniet materni u jkellem lil bintu.

Illi fl-istess affidavit l-attur pero` jkompli jghid li rcieva telefonata minghand omm il-mara tieghu fejn gharrfitu li l-mara tieghu kienet biddlet id-dar u kienet qed tghix ma' ragel iehor. Hu staqsiha dwar problemi li l-mara tieghu kienet semmietlu li kellha maghhom u cjoe` ma' l-istess genituri tal-mara tieghu u din qaltlu li dan kollu ma kienx minnu. L-attur jkompli jghid li l-mara tieghu waqfet tiehu lit-tifla tieghu Elizabeth ghand il-genituri taghha u lanqas biss gharrfithom fejn kienet qed tghix. L-attur jkompli jghid li b'hekk inqatghalu kull kuntatt li kellu ma' bintu.

Illi minn dan kollu jirrizulta bla ebda dubju kwalunkwe, anke peress li l-verzjoni ta' l-attur ma hija bl-ebda mod kontradetta, anzi tinsab korroborata mix-xhieda ta' ommu, li *in verita'* l-konvenuta abbandunat lill-attur fis-sena 1996, u dan wara li l-konvenuta kienet marret ghal btala l-Ingilterra u kienet cemplitlu li kienet ser tibqa' hemm bit-tifla; fil-fatt l-attur hass, li anke peress li l-istess konvenuta kienet ilha tghidlu li riedet tmur lura l-Ingilterra, li ma kellux wisq x'jaghmel hlief li jaccetta is-sitwazzjoni u wkoll qabel li l-istess tifla tibqa' tghix mal-konvenuta, waqt li huwa jkollu dritt ta' access dicenti ghall-istess meta huwa jkun l-Ingilterra, kif jidher li fil-fatt kellu, hlief li mill-Milied tas-sena 2000 dan ukoll waqaf ghaliex l-istess konvenuta qatghet kull kuntatt ma' l-istess attur.

Illi l-principju li sabiex l-abbandun jikkostitwixxi motiv ta' separazzjoni personali hemm bzonn apparti z-zmien, li jkun sar bla kawza gusta, dan gie ribadit f'diversi sentenzi tal-Qrati fosthom; (fis-sentenza **"Andrea Avellino vs Regina Avellino"** – (Volume XXXIII E pagna 450 tas-16

ta' Dicembru 1949 – Imhallef Onor Dr. A. V. Camilleri B. Litt., LL.D.,) kif ukoll fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell **"Joseph Azzopardi vs Rita Azzopardi"** tat-23 ta' Gunju 1952 (Volume XXXVI B pagna 212).

Illi fis-sentenza **"Giuseppe Camilleri pro et noe vs Rocco Camilleri"** (Onor. Imhallef Edwardo Magri – Volume XLVIIIE u XLIXA) jinghad illi *"l-essenza ta' l-abbandun tirrisjedi fil-persistenza u l-kontinwita ta` wiehed jew wahda mill-konjugi illi jghix apparti mill-konjugi l-ohra jew l-iehor skond il-kaz minghajr raguni tajba*." Illi fis-sentenza **"Sylvia mart Filippo Spiteri vs l-istess Filippo Spiteri"** – Volume XLVllE pagna 1067 jinghad illi *"il-mara li minghajr gusta kawza tabbanduna id-dar konjugali titlef id-dritt taghha ghall-alimenti. F`din il-kawza gie ritenut li l-fatti esposti ma kienux jikkostitwixxu gusta kawza."* Fis-sentenza **"Jane sive Giovanna Cordina vs Avv. Dr. Albert V Grech et noe"** – (Volume XLIX D p.643) jinghad illi *"biex l-abbandun ikun kawzali ta` separazzjoni personali hemm bzonn li (1) jkun ghal perjodu ta` almenu sentejn u (2) li jkun minghajr gusta kawza. L-apprezzament tac-cirkostanzi ta` fatt jekk tezisti jew le gusta kawza huwa mholli fil-kriterju tal-gudikant."* Illi fis-sentenza **"Teodora Desira pro et noe vs Avukat Dr. Albert Camilleri et noe"** jinghad illi *"t-tfal dejjem hemm lok illi jigu alimentati mill-missier skond il-ligi u qabel kulhadd u qatt ma jista jkollhom htija ghall-mankanzi addebitati lill-ommhom."* (Prim Awla Qorti Civili – sentenza tal-11 ta` Mejju 1965).

Illi sentenzi ohra tal-Qrati rigwardanti l-abbandun huma **"Maria Debono vs Philip Debono"** (Volume XLVE u XLVIA Pt1. Sez.1 P.65 – Appell Civili Superjuri – Onorevoli Imhallfin Anthony J Mamo, Montanaro Gauci A.J., u William Harding) kif ukoll **"Joseph Rossignaud ne vs Emanuele Camilleri"** (Volume XLVC p.646) Onor. Imhallef A.J. Magri u fis-sentenza **"Concetta Ellul pro et noe vs Carmelo Ellul"** (Prim Awla Qorti Civili – Onor. Imhallef A. J. Magri – Vol.XLVC p. 593) kif ukoll fis-sentenza **"Josephine Anne Edwards vs Avukat Dr. Joseph Xuereb ne"** (Volume XLVC Pt.II p.563 tat-22 Frar 1961 – Onor. Imhallef Joseph Flores) u fis-sentenza

**"Domenico Abela ne vs Saverio Abela"** (Volume XLIIIC Pt.1 p.387 tad-9 Novembru 1959).

Illi abbazi ta' dawn il-principji u l-istess applikati ghall-kaz *de quo* ghalhekk jidher li hemm bazi sabiex din l-azzjoni attrici tigi milqugha abbazi ta' abbandun tal-konvenuta mid-dar konjugali, u wkoll minhabba ingurji gravi u eccessi minhabba li jidher li l-istess konvenuta fl-Ingilterra frekwentat ragel iehor, ghalkemm ma jidhirx mill-provi li l-adulterju *per se* gie ppruvat. Illi fuq din il-bazi l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenuta.

Illi ghal dak li jirrigwarda t-tieni talba attrici jidher li l-istess attur lanqas ma huwa qed jitlob li jigi fdat bil-kura u l-kustodja ta' l-istess minuri, u dan ghaliex jidher li meta l-konvenuta ddeciediet li tiqba' l-Ingilterra, huwa accetta li l-istess minuri tibqa' maghha; ovvjament kull konsiderazzjoni dwar l-istess minuri ghandha tigi deciza fid-dawl ta' dawn il-fatti kif qed jirrizultaw u dan dejjem skond dak li huwa *"l-aktar utili u vantaggjuz ghall-istess tifla"* skond kif jiddisponi l-**artikolu 56 tal-Kodici Civili.**

Illi huwa car mill-provi prodotti li l-attur ghandu dritt illi jara lil bintu u dan id-dritt tieghu qed jigi innegat lilu mill-istess mara tieghu fic-cirkostanzi kif jirrizultaw mix-xhieda u kif huma relatati mill-istess attur.

Illi fil-fatt l-attur jghid fil-paragrafu 5 ta' l-affidavit tieghu illi wara l-festeggjamenti tal-Millenju, l-mara tieghu talbitu ma jitlax l-Ingilterra u wara xi zmien ircieva telefonata minghand omm il-mara tieghu li l-mara tieghu kienet biddlet id-dar u li kienet marret tghix ma' ragel iehor u li waqfet tiehu lit-tifla Elizabeth ghand il-genituri taghha u lanqas biss gharrfithom fejn kienet qed tghix. B'hekk huwa inqatghalu kull kuntatt li kellu ma' bintu. L-attur ikompli jghid li minn dak iz-zmien sa llum il-mara tieghu qatt ma kkuntattjatu izjed u safejn jaf hu ilha ma tigi Malta ghal dawn l-ahhar sitt snin.

Illi l-Qorti thoss li l-istess attur ghandhu jkollu access u kuntatt ma' l-istess bintu u dan anke fl-interess ta' l-istess

minuri, apparti d-dritt ta' l-attur ghall-istess, liema dritt huwa subordinat ghal dak li huwa fl-ahjar interess tal-minuri; ma hemm xejn fil-kawza odjerna li juri li l-kuntatt mal-missier jista' jkun ta' hsara ghall-istess minuri, u ghalhekk din il-Qorti tipprovdi li l-attur ghandu jinghata tali dritt ta' access ghall-minuri almenu ta' tlett (3) darbiet fil-gimgha, ghal erba' (4) sieghat kull darba kull meta l-istess attur ikun l-Ingilterra, b'dan li l-istess konvenuta tinghata pre-avviz ragonevoli dwar l-istess mawriet ta' l-attur fl-Ingilterra.

Illi dwar it-tielet talba attrici din il-Qorti tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet b'effett mis-sena 1996 data ta' meta l-istess konvenuta marret l-Ingilterra, u peress li mill-provi ma' jirrizultax li waqt liz-zwieg inxtraw bejn il-partijiet xi oggetti ta' valur ma hemm xejn x'jigi likwidat u diviz fl-istess komunjoni; jinghad ukoll li peress li din il-Qorti qed issib lill-konvenuta hatja ta' abbandun *ai termini* tal-ligi, qed jigu fi kwalunkwe kaz applikati kontra taghha l-provedimenti ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16,** u dan inkluz is-subartikolu (1) (c) ta' l-istess artikolu, u dan qed jinghad *stante* li mill-provi prodotti jirrizulta li l-istess konvenuta qatt ma akkwistat xejn bil-hidma waqt iz-zwieg taghha ma' l-attur.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta wkoll li d-dar matrimonjali fil-fatt giet akkwistata mill-attur meta kien ghadu guvni, tant li huwa kien xtara plot permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Frank Portelli fis-27 ta' Frar 1984 u kien bniha u ammobilja qabel l-istess zwieg mal-konvenuta, u ghalhekk l-istess proprjeta' hija parafernali ghall-attur, kif ta' l-istess natura hija l-vettura minnu indikata tal-marka Escort Mark I Reg. No. GAP – 879. Dwar dan hemm l-korroborazzjoni ta' omm l-attur u ghalhekk anke ir-raba' (4) talba ghandha tigi milqugha.

Illi l-hames (5) talba ghandha wkoll tigi milqugha kif gja gie indikat f'din is-sentenza *stante* li l-applikazzjoni ta' l-**artikolu 48** hija mandatarja fil-kaz ta' abbandun komplat fl-**artikolu 41 tal-Kap 16.**

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-kuraturi deputati in kwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

(1) Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba abbandun, ingurji gravi, u eccessi *da parte* tal-konvenuta, b'dan li l-agir tal-konvenuta ta lok ghal din is-separazzjoni bejn l-kontendenti u li kawza ta' l-istess komportament tal-konvenuta, l-istess zwieg tkisser b'mod irrimedjabbli minhabba tortijiet unikament inputabbli lill-konvenuta.

(2) Tilqa' it-tieni talba ta' l-attur u takkorda access lill-istess attur ghal bintu Elizabeth Ann Agius almenu ta' tlett (3) darbiet fil-gimgha, ghal erba' (4) sieghat kull darba kull meta l-istess attur ikun l-Ingilterra, b'dan li l-istess konvenuta tinghata pre-avviz ragonevoli bil-miktub dwar l-istess mawriet ta' l-attur fl-Ingilterra u ovvjament dan jinkludi d-dritt ta' l-attur li jagixxi gudizzjarment sabiex tali dritt ta' access u kuntatt (*"contact")* tieghu ma' l-istess minuri jigi in effetti enforzat fl-interess ta' l-istess minuri anke *in vista* tal-Konvenzjonijiet internazzjonali vigenti li gew ratifikati anke minn Malta.

(3) Tilqa' it-tielet talba u tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u dan b'efett mis-sena 1996, u tiddikjara li ma hemm xejn fl-istess komunjoni x'jigi likwidat u diviz, *stante* li l-istess komunjoni ma kienet tikkonsisti f'xejn ta' valur; *inoltre* din il-Qorti tiddikjara, li apparti dak li ser jinghad in konnessjoni mar-raba' talba attrici, l-karozza tal-marka Escort Mark I Reg. No. GAP – 879 hija proprjeta' parafernali ta' l-attur.

(4) Tilqa' ir-raba' talba ta' l-attur u tiddikjara li l-fond "Chrishae" Plot 24, Triq Mons. Alfredo Mifsud, Pembroke, St Andrews huwa proprjeta' parafernali ta' l-attur u ghal kull buon fini tiddikjara l-konvenuta m'ghandha l-ebda jedd kwanukwe fuq l-istess.

(5) Tilqa’ il-hames talba *in toto* fis-sens li qed jigu applikati kontra l-konvenuta d-dispozizzjonijiet intieri ta’ l-**artikolu 48 tal-Kap 16.**

Bl-ispejjez kollha ta’ din il-kawza kontra l-konvenuta assenti filwaqt li l-kuraturi deputati ghandhom jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------